MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 643/2003

**Alfred Zammit**

**vs**

**Raymond Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hmistax il-lira Maltin (Lm315.00) rappresentanti arretrati ta' kera mill-1 ta' Jannar 20003 sal-31 ta' Marzu 2003 bir-rata ta' tlett liri u hamsin centezmu kuljum (Lm3.50) fuq il-fond numru 10, Triq Haz-Zabbar, Paola.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u hmistax il-lira Maltin (Lm315.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------